



Brussell, 12 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7796/20

Fajl Interistituzzjonal:
2020/0067(COD)

**CODEC 352
TRANS 193
MAR 71
FIN 266**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	<p>Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/352, sabiex il-korpi ta' ġestjoni jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jipprovdu flessibbiltà firrigward tal-impożizzjoni ta' tariffi tal-infrastruttura portwarja fil-kuntest tat-tifqigħha tal-COVID-19 (I-ewwel qari)</p> <ul style="list-style-type: none">- Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att leġislattiv- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimġħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tat-TFUE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fid-29 ta' April 2020 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha lill-Kunsill¹, abbażi tal-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u mistenni jagħti tweġiba fī żmien qasir.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u mistenni jagħti tweġiba fī żmien qasir.
4. Il-Parlament Ewropew ser jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-plenarja tiegħu mit-13 sas-16 ta' Mejju 2020.

¹ 7644/20.

5. Minħabba l-urġenza taċ-ċirkostanzi eċċeazzjonali li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, ir-Regolament ser ikun jista' jiġi adottat biss permezz tal-proċedura bil-miktub.
6. Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jiddeċiedi, fkonformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/556², li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħi.
 - Għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/352, sabiex il-korpi ta' ġestjoni jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jipprovdu flessibbiltà fir-rigward tal-impożizzjoni ta' tariffi tal-infrastruttura portwarja fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 15/20³; u
 - li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimġħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128I, 23.4.2020, p. 1).

³ PE-CONS 15/20 ser ikun disponibbli fi żmien xieraq.